32005H0637

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Awwissu 2005

dwar il-miżuri li jridu jittieħdu mid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni biex jipprevjeni kwalunkwe ħsara possibbli għas-saħħa u għall-ambjent fil-każ li jseħħ it-tixrid aċċidentali ta' kolza (Brassica napus L., linja GT73 - MON-00073-7) ġenetikament modifikata biex titqawwa t-tolleranza tagħha għall-erbiċida glyphosate

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 3073)

(It-test bl-Olandiż biss huwa oriġinali)

(2005/637/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 211, it-tieni inċiż,

tiegħu,

(1) Billi fis-16 ta' Jannar 2003, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 it-tielet inċiż u l-Artikolu 14(2) it-tieni inċiż tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/18/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE [1], il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodott ibbażat fuq kolza ġenetikament modifikata (*Brassica napus* L., linja GT73 - MON-00073-7), flimkien ma' rapport ta' evalwazzjoni favorevoli maħruġ mill-awtorità kompetenti tar-Renju ta' l-Olanda.

(2) Billi l-Kummissjoni bagħtet ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kollha, u li xi wħud minnhom fasslu u sostnew xi oġġezzjonijiet għar-rapport imsemmi fir-rigward ta' l-istruttura molekulari, li potenzjalment tikkawża reazzjonijiet allerġiċi, tas-sorveljanza, tat-tikkettar u tar-reperibbiltà tal-prodott. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Kummissjoni, f'konformità ma' l-Artikolu 18 l-ewwel inċiż tad-Direttiva 2001/18/KE, jeħtiġilha tieħu deċiżjoni b'applikazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 30(2) tad-Direttiva, li għaliha japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE [2], skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' din ta' l-aħħar.

(3) Billi fi Frar 2005, L-Istitut Ġappuniż għall-Istudji Ambjentali ppubblika rapport li jsemmi l-preżenza aċċidentali ta' kolza ġenetikament modifikata biex titqawwa t-tolleranza tagħha għal erbiċida madwar is-sitt installazzjonijiet tal-port li minnhom kienu ttieħdu l-kampjuni.

(4) Billi jidher li jeħtieġ li ma jitħallewx iqumu sitwazzjonijiet identiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u b'modpartikolari li jiġi evitat kwalunkwe dannu potenzjali għas-saħħa u għall-ambjent fil-każ tat-tixrid aċċidentali tal-kolza MON-00073-7 waqt it-trasport, il-ħażna, il-manipulazzjoni fil-beraħ u t-trasformazzjoni fi prodotti derivati.

(5) Billi f'din il-qagħda huwa d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni li jinsab fl-aħjar qagħda biex lill-operaturi u l-utenti jagħtihom direttament tagħrif dwar in-nuqqas ta' periklu u l-karatteristiċi ġenerali tal-prodott, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet tas-sorveljanza, b'mod partikolari l-miżuri ta' ġestjoni li għandhom jittieħdu fil-każ li jseħħ it-tixrid aċċidentali taż-żrieragħ.

(6) Billi l-Kummissjoni jidhrilha għaldaqstant preferibbli li d-deċiżjoni dwar it-tqegħid fis-suq tal-kolza MON-00073-7 tiġi kkompletata permezz ta' linji ta' gwida tekniċi speċifiċi maħsuba biex jipprevjenu kwalunkwe ħsara potenzjali għas-saħħa u l-ambjent fil-każ li jseħħ it-tixrid aċċidentali ta' dan il-prodott.

B' DAN TIRRAKKOMANDA:

Artikolu 1

Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(2) tad-deċiżjoni li titqiegħed fis-suq kolza (*Brassica napus* L., linja GT73 - MON-00073-7) ġenetikament modifikata biex titqawwa t-tolleranza tagħha għall-erbiċida *glyphosate*, għandhom jitqiesu l-miżuri elenkati fl-Anness.

Artikolu 2

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Renju ta' l-Olanda.

Magħmul fi Brussell, nhar is-16 ta' Awwissu 2005.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24).

[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

ANNESS

1. Jeħtieġ li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni jgħarraf lill-operaturi tal-Komunità li jaħdmu u jittrasformaw taħlitiet bl-ingrossa importati ta' żrieragħ tal-kolza li jista' jkun fihom il-kolza MON-00073-7:

   (a) ingħatat awtorizzazzjoni għall-importazzjoni u l-użu fil-Komunità tal-kolza MON-00073-7, f'konformità mad-definizzjoni li tidher fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni, u

   (b) li l-istabbiliment ta' pjan ta' sorveljanza ġenerali bil-għan li jintgħarfu kwalunkwe effetti ħżiena li potenzjalment jirriżultaw mit-tqegħid fis-suq tal-kolza MON-00073-7 għall-użi msemmija hawn fuq huwa kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni.

2. Jeħtieġ li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni jikkomunika lill-operaturi l-isem ta' interlokutur fil-pajjiż tiegħu li lilu għandhom isiru r-rapporti ta' effetti ħżiena li jistgħu jinqalgħu.

3. Jeħtieġ li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni jgħarraf lill-operaturi li l-Awtorità Ewropea tas-Sikurezza Alimentari (*EFSA*), fil-kuntest ta' l-użi prevedibbli tal-kolza MON-00073-7, evalwat il-possibbiltà ta' tixrid aċċidentali tagħha u tal-konsegwenzi ta' dan it-tixrid. Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għandu jżomm kuntatt regolari ma' l-operaturi bil-għan li jiżgura li dawn ikunu mgħarrfa bi kwalunkwe tibdil fil-prattika kurrenti li jkun jista' jibdel il-konklużjonijiet ta' l-evalwazzjoni tar-riskji ambjentali.

4. Jeħtieġ li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni jiżgura ruħu li l-operaturi jkunu jafu li tixrid aċċidentali taż-żrieragħ importati tal-kolza fil-portijiet u fl-istallazzjonijiet tat-tħin jista' jkollu l-konsegwenza li jinbtu u jistabbilixxu rwieħhom pjanti selvaġġi, b'mod partikolari pjanti selvaġġi tal-kolza MON-00073-7.

5. Fil-każ li fost il-pjanti selvaġġi tal-kolza jkun hemm il-kolza MON-00073-7, jeħtieġ li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni:

   (a) jinforma lill-operaturi li dawn il-pjanti jkunu jridu jiġu meqruda biex l-effetti ħżiena potenzjali tal-kolza MON-00073-7 jitnaqqsu kemm jista' jkun, u

   (b) iforni lill-operaturi pjanijiet adegwati għall-eliminazzjoni ta' pjanti selvaġġi tal-kolza li fosthom ikun hemm il-kolza MON-00073-7.

6. L-Istati Membri, skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/81/KE u tal-punt C.1.6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/811/KE tat-3 ta' Ottubru 2002 li tistabilixxi noti ta' gwida li jissupplimentaw l-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE [1], jistgħu jwettqu verifiki u/jew sorveljanza supplementari fir-rigward ta' tixrid aċċidentali ta' żrieragħ tal-kolza MON-00073-7, kif ukoll ta' l-effetti ħżiena li potenzjalment jirriżultaw minn dan it-tixrid.

[1] ĠU L 280, 18.10.2002, p. 27.